ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 19 ta' Mejju 2014 fis-6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. UIF Funds;
5. V18 Funds;
6. Attivita Settembru 2014;
7. Triq tal-Mandragg;
8. Kuntratturi WSC;
9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Is-Sindku informa lis-Segretarju biex jibda il-laqgha ghax se jittardja minhabba x-xoghol.

Il-Minuti tas-Seduta Nru 23 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, il-Vici Sindku ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-kunsillier Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar il-quddiesa għal ruħ missier il-Kunsillier Schembri, is-Segretarju staqsiet jekk ġiex deċiż meta ser issir il-quddiesa biex tavża l-Kappillan. Is-Sindku ghandu jiforma il-Kappillan

b. Dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* is-Segretarju qalet li s-Sinjura Schembri wriet l-interess li tghamel korsijiet ohra din is-sena. Is-Sinjura Schembri qalet li ser isiru korsijiet tat-Taljan, Sign Language u Flower Arrangements fost ohrajn.

c. TM infurmatna li z-zebra cross ta' Triq San Filippu tista issir 25 metru boghod mil-kantuniera. Il-Kunsill qabel li din issir.

d. Dwar Skolasport din se tintemm dalwaqt u ser issir prezentazzjoni tac-certifikati nhar il-Erbgha 21 ta' Mejju 2014.

e. Is-Segretarju qalet li l-Awdituri tal-Gvern gew u issa nistennew minghandhom bl-aggustamenti jekk hemm biex isiru.

**Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment fejn infurmaw dwar it-Tieni qari dwar l-emenda għad-dritt tal-vot liż-Żgħażagħ ta' sittax-il sena. Laqgħa li saret fit-12 ta' Mejju, 2014.

Infurmaw ukoll dwar l-attivitajiet kulturali li ser isiru fil-lokalitajiet. Saret diskussjoni biex Ghaxaqfest issir nhar it-3 ta' Ottubru 2014.

Bagħatu wkoll dwar il-Public Procurement fuq M 313 sabiex jiġu segwiti l-istruzzjonijiet li hemm.

ĦAL GĦAXAQ

**3.** Mill-AKL fejn għarrfu dwar Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex ser isir fil-21 ta' Gunju, 2014, ġewwa lukanda Dolmen, il-Qawra. Ser jattendu is-Sinjuri Agius u Schembri.

Infurmaw dwar il-MARIE seminar li ser isir fit-28 ta' Mejju, 2014, dwar l-*Energy Efficiency in Buildings*, li ser isir il-Corinthia San Gorg, St.Julian. Ser tattendi is-Segretarju.

Bagħatu dwar *National Workshop on Sustainable Domestic Water Use* li ser isir fit-30 ta' Mejju, 2014 ġewwa Dar il-Mediterran.

Għarrfu li ser isiru serje ta' laqgħat mal-Kunsilli Lokali dwar V 2018, laqgħa ser isir fit-22 ta' Mejju, 2014, fis-6:30 p.m. fir-Reġjun Nofisnhar.

3. Mill-MEPA infurmaw dwar *policy and design guidance* taċ-ċimiterji, ser issir laqgha.

4. Mill-ADT dwar il-permess 10438/14 ta' Sqaq il-Ġebel fejn il-Kunsill qed joġġezzjona għal dan il-permess. Il-Kunsill qabel li titbghat email lil MEPA dwar il-hajt tas-sejjieh li tnehha.

Infurmaw ukoll dwar konsultazzjoni ir-*road works permit applications* fir-rigward tar-*re-instatements* bħala kundizzjonijiet.

5. Mir-Reġjun Nofsinhar dwar l-għotja li saret ta' € 1,000 għall-imoderniżżar tal-Librerija Pubblika ta' Ħal Għaxaq waqt li attivita li saret fil-librerija organizzata mil-Kunsilliera Miriam Schembri.

6. Mill-ANSEK sabiex tiġi mġedda il-polza ta €10 għas-sena 2014. Il-Kunsill qabel li tiggedded.

7. Mill-KMS infurmaw bil-lista tat-tfal li parteċipaw għal *After School Sports Programme 2013-2014* u ċertifikati sabiex jiġu mqassma.

8. Mill-MEUSAC fejn hemm sejħa għal *Town Twining Citizens' Meetings*.

9. Mill-Iskola tal-Bniet ta' Ħal Tarxien fejn stiednu lis-Sindku għal Jum il-Premjazzjoni li ser issir fit-23 ta' Mejju, 2014.

10. Mingħand l-HSBC fejn bagħatu kopja ta' kif ser ikun il-flyer dwar il-*Free Training Sessions*.

11. Mingħand il-GO fejn infurmaw bit-tariffi li għandhom ħabba żoni ta' Wifi fil-lokal.

12. Mingħand l-Ispettur Fenech fejn qal li ma hemm ebda oġġezzjoni sabiex il-kiosks li kienu armati fi Triq iċ-Ċimiterju jmorru fi Triq il-Gistakor minħabba attivitajiet tal-Każin ta' San Ġużepp.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sindku qal li hu avvicina lill-Ispettur Fenech minhabba li l-Ghaqda tan-nar ta' San Guzepp se jkollha ccaqlaq il-post minn fejn jinharaq in-nar u ghaldaqstant certu postijiet fejn kienu jintramaw il-kiosks mhux se tajjeb biex jintramaw dawn il-kiosks din is-sena.

Is-Sindku qal li jehtieg li il-gabbani ta' Triq iċ-ċimiterju jitressqu aktar il-gewwa. Il-Kunsill qabel.

## 4. <u>UIF Funds</u>

Is-Sindku xtaq jitkellem dwar il-fondi tal-UIF. Is-Sur Abela qal li jekk dawn il-fondi ma jehodhomx il-Kunsill hemm ir-riskju li dawn jintuzaw minn Ghaqdiet ohra, ghaldaqstant issuggerixxa li issir il-bankina ta' Triq Santa Marija bhal ma kien il-hsieb li ssir mill-Kunsill ta' qabel. Is-Sindku qal li jixtieq is-suggerimenti ta' kulhadd.

Il-Vici Sindku qal li hu kien bi hsieb li jghamel din il-bankina mil-kazin tal-futbol sa Bir-id-Deheb.

Is-Sinjura Schembri qalet li dak li hem mil-bzon li jsir ghandu jsir.

Il-Vici Sindku kompla jghid li fi zmienu meta kien Sindku kien sar survey tal-livelli ta' Triq Santa Marija kemm tat-triq kif ukoll tal-bankini. Kompla jghid ukoll li l-Perit tal-Kunsill Marvin Ellul kien kejjel il-bankini u ghamel stima ta' kemm se jigu jiswew. Is-Sur Vassallo qal ukoll li qabel ma jsir dan ix-xoghol iridu jigu infurmati tal-WSC, Tal-Go, tal-Melita u l-EneMalta biex jekk ikun hemm il-htiega li jinbidlu s-servizzi dawn isiru kollha qabel ma issir it-Triq Santa Marija u l-bankini ta' go fiha.

Is-Sindku qal li hu xtaq li waqt li l-Kuntrattur ikun qed jghamel ix-xoghol fi Triq Santa Marija dan jghamel ukoll Triq il-Gardell minhabba li din it-triq tinsab imharbta hafna.

Il-Vici Sindku qal li biex din it-Triq issir, l-ewwel jrid isir *culvert* minhabba l-ilma.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar issir laqgha mal-Accountant tal-Kunsill biex inkunu nafu x'ghandu flus il-Kunsill qabel ma tittiehed decizjoni li jsiru xi xogholijiet. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsilliera Agius qalet biex il-bankini li jsiru ma jsirux gholjien. Il-Kunsill qabel.

**5. <u>V18 Funds</u>**

Is-Sindku qal li bil-Fondi tal-V18 jixtieq li jinbena post bhala Centru Civiku f'Hal Ghaxaq bhal ma hemm fir-rhula ohra.

ĦAL GĦAXAQ

Dawn il-fondi jinghataw billi l-Kunsill johrog €8,000 filwaqt li €50,000 jinghataw bhala fondi lil Kunsill.

Saret diskussjoni dwar x'jista jsir u sar qbil li l-Kunsill jirrestawra it-Turretta. Il-Kunsill qabel ukoll li jigi avvicinat is-Sur Mario Farrugia tal-Malta Heritage biex tintalab xi ghajnuna ghal dan ir-restawr.

**6. <u>Attivita Settembru 2014</u>**

Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li Ghaxaqfest issir fil-bidu ta' Ottubru ezatt fit-3 ta' Ottubru, izda hareg il-fatt li x'aktarx "Notte Bianca" issir dak iz-zmien ukoll ghaldaqstant is-Segretarju kellha ticcekkja dwar dan.

Il-Vici Sindku qal li l-ahjar li l-fondi ta' €1,500 jintuzaw biex jissahhah il-karnival. Is-Sindku qal li b'€1,500 ma tantx tista' tghamel affarijiet kbra.

Saret diskussjoni li jista jsir tizjin madwar ir-rahal, is-Sinjura Schembri semmiet il-fjuri li hemm fir-roudabouts u qalet li tixtieq kieku jinzerghu xi fjuri madwar ir-rahal. Intqal ukoll li fid-dahla ta' Hal Ghaxaq precizament fejn hemm in-nicca tal-Madonna tal-Karmnu fil-bidu ta' Triq l-Iklin tista issir tabella tal-"MERHBA Hal Ghaxaq u jinzerghu fjuri u pjanti fl-istess sit. Intqal ukoll li jigi avvicinat l-HSBC biex jisponsorja din it-tabella. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill qabel ukoll li tintbaghat email lil Transport Malta biex is-*central strip* tal-Bypass tigi mzejna bi fjuri.

**7. <u>Triq tal-Mandragg</u>**

Is-Sindku qal li jixtieq li Triq Dun Gius. Naudi jsiru bollards minhabba li hemm karozzi li qed jitilghu "One Way".

Il-Vici Sindku issugerixxa li din issir pedestrian zone kollha u l-Kunsill qabel.

**8. <u>Kuntratturi WSC</u>**

Is-Sindku qal li jrid li jsir kuntratt bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni ta' l-Ilma biex meta dawn ta' l-ahhar jghamlu xoghol ta thaffir fit-toroq ir-*reinstatement* irid isir ta' certu qies biex ma jinqalax.

Il-Vici Sindku qal li t-tarmak irid isir mhux inqas minn nofs metru kull naha tat-trinka biex isir sew u jekk it-*tarmac* li jkun hemm ikun *hot tarmac* ir-*reinstatement* irid isir bil-*hot tarmac* u jekk ikun *cold* irid isir bil-*cold tarmac*. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**9. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

1. Is-Sindku qal li l-laqgha ta' qabel il-festa ser issir nhar il-Erbgha 21 ta' Mejju, 2014, il-hin jigi kkonfermat aktar tard.

2. Is-Sindku qal li jekk tkun ser issir attivita l-ahjar tigi riklamata sew.

3 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-knis talab li juza il-kamra li hemm fuq Santu Rokku biex ikun jista jitfa l-apparat tieghu.
Minhabba li f'din il-kamra hemm xi apparat tal-Kunsill, il-Vici Sindku issuggerixxa li jinghata post fejn Gnien 2000 fejn hemm zewg dahliet zghar. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jinxtraw tabelli tal-hmieg u dogbins. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li hemm bicca fi Triq Gistakol minghajr hajt madwarha u xtaq li jtella tlett filati gebel.

Il-Vici Sindku qal li dik Transport Malta hallewha minghajr hajt u ghaldaqstant ghandha tinbghat email lil Transport Malta biex isir dan il-hajt. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li tinkiteb ittra lil Transport Malta biex issir *zebra cross* bejn Gnien 2000 u l-hwienet ta' faccata. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sur Abela qal ukoll li jixtieq li jghamel tabela ta' "T" (jigifieri it-triq taghlaq) fi Triq il-Barklor. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sur Abela qal li Triq San Filippu hemm *reserved parking* u ghal min kienet saret illum m'ghadux maghna ghaldaqstant din ir-*reserved parking* ser titnehha. I-Kunsill qabel.

9. Is-Sindku qal li Triq Gius. D'Arena hemm haxix li qed jmiss mal-wires ta' l-arblu tad-dawl u l-ahjar jigi infurmat sid il-pjanti biex dan il-haxix jinzabar. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sindku qal li jixtieq li jerga jiddiskuti il-hinijiet tal-haddiema tal-Kunsill u sar ftehim li s-Sinjura Donna Mallia tahdem mis-7.30am sal-4.30pm bi kwarta break mit-Tnejn sal-Gimgha u s-Sur Dennis Psaila jahdem mis-7.30am sas-1.30pm kuljum u s-Sibt mit-8.00am sal 11.30am u meta jkun hemm bzon jidhol filghaxija biex jiftah meta jsiru il-korsijiet. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

11. Is-Sinjura Schembri qalet li t-tfal li hadu sehem f'EcoSkola xtaqu jirringrazzjaw lil Kunsill u resqet il-proposta biex il-Kunsill jghati momentum zghir bhala apprezzament lil dawn it-tfal ghal kontribut li taw. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sinjura Agius qalet li l-kennies mhux qed imur fi Sqaq li hemm fi Triq Santa Marija sabiex jigi infurmat il-Kuntrattur. Il-Kunsill qabel.

13. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jinxtara airconditioner ghall-ufficcju ta' isfel u wasal iz-zmien li l-kompjuters jinbidlu wkoll minhabba li mhux qed ikunu *compatible* mal-programmi li hawn. Il-Kunsill qabel.

14. Is-Sinjura Agius qalet li is-*central strip* li hemm minn hdejn il-hanut Decotex l-isfel hemm il-bzon li titnaddaf. Il-Kunsill qabel.

15. Il-Kunsillier Fenech qal li hemm klawzola fit-tender tal-Periti li tghid li Perit li jittenderja mall-Kunsill ta' Hal Ghaxaq ma jistax ikun Perit ma' Kunsill iehor. Il-Kunsillier Fenech talab li din il-klawzola jekk qeda hemm tinbidel. Is-Segretarju qalet li ma tafx li hemm din il-klawzola izda jekk hemm tara ezatt x'hini.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 9 ta' Gunju, 2014, fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Ikkonfermati:- it-Tnejn, 9 ta' Gunju 2014,  fis-6.30pm**